(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq it-twettieq ta' żball ta' liġi manifest fl-analiżi tal-kunċett ta' selettività u fil-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat.

— Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-Kummissjoni ma pprovatx li l-miżura fiskali inkwistjoni tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi", hekk kif jeżiġi l-Artikolu 107(1) TFUE. Il-Kummissjoni tillimita ruħha li tassumi li l-miżura hija selettiva minħabba l-fatt li din tapplika biss għall-akkwist ta' ishma f'kumpanniji barranin (fil-kawża preżenti, f'pajjiżi terzi li ma humiex membri tal-UE) u mhux għall-akkwist ta' ishma f'kumpanniji nazzjonali. Ir-rikorrenti jqisu li tali raġunament huwa żbaljat u ċirkolari: il-fatt li l-applikazzjoni tal-miżura analizzata, l-istess bħall kull dispożizzjoni fiskali oħra, hija bbażata fuq il-fatt li jiġu sodisfatti ċerti rekwiżiti oġġettivi ma jfissirx li l-imsemmija miżura hija waħda selettiva *de iure* jew *de facto*. Spanja pproduċiet data li turi li din hija miżura ġenerali disponibbli, *de iure* u *de facto*, għall-impriżi kollha suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji Spanjola irrispettivament mid-daqs, min-natura, mis-settur jew mill-oriġini tagħhom.

— It-tieni nett, it-trattament *prima facie* differenti previst fl-Artikolu 12(5) tat-TRLIS, mhux talli ma jikkostitwixxix vantaġġ selettiv iżda jservi sabiex l-operazzjonijiet kollha ta' akkwist ta' ishma, irrispettivament minn jekk humiex nazzjonali jew barranin, jitpoġġew f'livell ta' ugwaljanza fiskali. F'pajjiżi terzi hemm ostakoli serji għat-twettieq ta' amalgamazzjonijiet li fil-prattika jimpedixxu tali operazzjonijiet; bil-kontra ta' dan, l-amalgamazzjonijiet huma possibbli fil-kuntest nazzjonali u għal dan il-għan hija permessa l-ammortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju. Konsegwentement, l-Artikolu 12(5) tat-TRLIS kull ma jagħmel huwa li jestendi din l-ammortizzazzjoni għax-xiri ta' ishma f'kumpanniji stabbiliti f'pajjiżi terzi, operazzjoni li tikkonstitwixxi l-eqreb ekwivalenti funzjonli — u l-iktar waħda fattibbli — għall-amalgamazzjonijiet nazzjonali u għaldaqstant tifforma parti mill-istruttura u mil-loġika tas-sistema Spanjola.

— Il-Kummissjoni hija żbaljata meta tikkunsidra li ma jeżistux ostakoli għall-operazzjonijiet ta' amalgamazzjoni ma' impriżi ta' pajjiżi terzi u konsegwentement hija żbaljata meta tistabbilixxi s-sistema ta' riferiment neċessarja sabiex tiġi stabbilita s-selettività u meta tiċħad l-argumenti dwar in-newtralità fiskali. Il-Kummissjoni hija partikolarment żbaljata fir-rigward tal-operazzjonijiet imwettqa fl-Istati Uniti, fil-Brażil u fil-Messiku.

— Sussidjarjament, id-Deċiżjoni għandha tiġi annullata minn tal-inqas fir-rigward ta' operazzjonijiet fejn jinkiseb sehem maġġoritarju li jagħti l-kontroll ta' impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi, li huma paragunabbli għal operazzjonijiet ta' amalgamazzjoni nazzjonali u għaldaqstant ġustifikati skont l-istruttura u l-loġika tas-sistema Spanjola.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq it-twettieq ta' żball ta' liġi fl-identifikazzjoni tal-benefiċjarju tal-miżura.

— Sussidjarjament u anki jekk jitqies li l-Artikolu 12(5) jinkludi elementi ta' għajnuna mill-Istat, *quad non*, il-Kummissjoni messha wettqet analiżi ekonomika eżawrjenti sabiex tiddetermina min kienu l-benefiċjarji tal-għajnuna potenzjali. Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-benefiċjarji tal-għajnuna (fil-forma ta' prezz eċċessiv għax-xiri tal-ishma) għandhom ikunu l-bejjiegħa tal-ishma u mhux, kif tallega l-Kummissjoni, l-impriżi Spanjoli li jkunu applikaw l-imsemmija miżura.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, sa fejn jirrigwarda l-iffissar tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tal-ordni ta' rkupru.

— Sussidjarjemant u fil-każ li l-Artikolu 12(5) tat-TRLIS jiġi kkunsidrat bħala għajnuna, il-Kummissjoni tikser il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni meta tillimita l-applikazzjoni *ratione temporis* tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni (21.12.2007), u għalhekk titlob l-irkupru fir-rigward tal-operazzjonijiet imwettqa wara l-imsemmija data (ħlief fil-każ ta' operazzjonijiet ta' akkwist ta' sehem maġġoritarju mwettqa fl-Indja u fiċ-Ċina li fir-rigward tagħhom l-aspettattivi leġittimi ġew estiżi sal-21.05.2011, id-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali, minħabba li f'dawn il-każijiet kienu jeżistu ostakoli ġuridiċi espliċiti għall-amalgamazzjonijiet internazzjonali).

— Ir-rikorrenti jallegaw li skont il-prassi tal-Kummissjoni u skont il-ġurisprudenza, il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni ma jippreġudikax in-natura tal-miżura u għalhekk ma jistax iservi bħala *dies ad quem*, liema data għandha f'kull każ tikkorrispondi mad-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-ĠUUE.

— Min-naħa l-oħra, il-limiti *ratione materiae* li d-Deċiżjoni timponi fuq l-aspettativi leġittimi rikonoxxuti fir-rigward tal-perijodu ta' bejn l-applikazzjoni tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura u d-deċiżjoni finali, billi tillimitahom għall-operazzjonijiet ta' akkwist ta' ishma maġġoritarji mwettqa fiċ-Ċina u fl-Indja, ma humiex iġġustifikati. L-imsemmija aspettativi leġittimi għandhom, skont il-ġurisprudenza, jiġu estiżi għall-operazzjonijiet kollha mwettqa fi kwalunkwe pajjiż terz.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2011 — Altadis vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-400/11)**

(2011/C 282/72)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Altadis, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, R. Calvo Salinero u M. Muñoz de Juan, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara ammissibbli u tilqa' t-talba għal prova;

— tiddikjara ammissibbli u tilqa' l-motivi ta' annullament ta' dan ir-rikors;

— tannulla l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni sa fejn dan jiddikjara li l-Artikolu 12(5) tat-TRLIS, meta applikat għall-akkwist ta' ishma li jimplikaw il-ksib ta' kontroll, jinkludi elementi ta' għajnuna mill-Istat;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni sa fejn dan jagħmel l-ordni ta' rkupru applikabbli għal operazzjonijiet li seħħew qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors fil-ĠUUE

— sussidjarjament tannulla l-Artikolu 1(1) u sussidjarjemant l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni sa fejn dawn jirreferu għal operazzjonijiet fil-Marokk, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors ġie ppreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 9566, tat-12 ta' Jannar 2011, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma identiċi għal dawk diġà invokati fil-Kawża T-399/11, Banco de Santander u Santusa Holding vs Il-Kummissjoni.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2011 minn Livio Missir Mamachi di Lusignano mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-12 ta' Mejju 2011, fil-Kawża F-50/09, Livio Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-401/11 P)**

(2011/C 282/73)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* Livio Missir Mamachi di Lusignano (Kerkhove-Avelgem, il-Belġju) (rappreżentanti: F. Di Gianni, R. Antonini, G. Coppo u A. Scalini, avukati)

*Parti l-oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla), tat-12 ta' Mejju 2011 fil-Kawża F-50/09, Livio Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni Ewropea, li tiċħad ir-rikors ippreżentat minn Livio Missir Mamachi di Lusignano abbażi tal-Artikolu 236 KE u tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-3 ta' Frar 2009 u għall-kumpens mill-Kummissjoni tad-danni morali u materjali li rriżultaw mill-qtil ta' Alessandro Missir Mamachi di Lusignano u tal-konjuġi tiegħu;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-kumpens, favur l-appellant u l-benefiċjarji ta' Alessandro Missir Mamachi di Lusignano rappreżentati minnu, ta' somma flus bħala kumpens għad-danni morali u materjali subiti minnhom, kif ukoll għad-dannu morali subit mill-vittma qabel il-mewt tiegħu;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka tliet aggravji.

(1) L-ewwel aggravju, li jgħid li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żbalja meta qies li t-talba intiża għall-kumpens tad-dannu morali subit mill-appellant, minn Alessandro Missir u mill-benefiċjarji tiegħu kienet inammissibbli.

Insostenn ta' dan l-aggravju, l-appellant isostni, l-ewwel nett, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku applika b'mod illoġiku, żbaljat u diskriminatorju l-ħekk imsejħa regola ta' konkordanza, li teħtieġ l-identiċità tal-kawża u tas-suġġett biss bejn l-ilment ippreżentat skont tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u r-rikors ippreżentat skont l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, u mhux bejn it-talba abbażi tal-Artikolu 90(1) u l-ilment abbażi tal-Artikolu 90(2). It-tieni nett, l-appellant isostni li l-interpretazzjoni tar-regola tal-konkordanza pprovduta mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fiha limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit, *inter alia*, mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(2) It-tieni aggravju, li jgħid li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku żbalja meta qies li l-Kummissjoni hija responsabbli għal 40 % biss tad-danni.

Insostenn ta' dan l-aggravju, l-appellant isostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku evalwa b'mod żbaljat ir-rapport bejn il-kondotta illegali tal-Kummissjoni u l-konsegwenzi possibbli ta' dan in-nuqqas li tittieħed azzjoni, peress li d-dannu kkawżat lill-uffiċjal kien konsegwenza diretta u prevedibbli tal-kondotta negliġenti tal-istituzzjoni. Barra minn hekk, l-appellant isostni li, minkejja li d-dannu ġie kkawżat minn diversi kawżi għaddejjin f'daqqa, il-Kummissjoni għandha tinżamm responsabbli *in solidum* mal-qattiel għall-kumpens tad-danni. Konsegwentement, it-talba għal kumpens tad-danni mressqa mill-appellant kontra l-Kummissjoni għandha tiġi milqugħa għal 100 % tad-danni.